REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1921

tal-4 ta' Novembru 2021

li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Kroata tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/464 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti meħtieġa għar-rikonoxximent retroattiv tal-perjodi għall-konverżjoni, il-produzzjoni ta' prodotti organiċi u l-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6), l-Artikolu 14(3), l-Artikolu 15(3), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 26(7)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Kroata tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/464 ([2]) fiha żball fit-titlu fir-rigward tar-rikonoxximent retroattiv tal-perjodi għall-konverżjoni tal-metodu tal-produzzjoni organika, u żbalji fl-Artikolu 26(1) sa (7), minħabba li l-verżjoni bil-lingwa Kroata tirreferi għad-data tad-dħul fis-seħħ minflok għad-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Kroata tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/464 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Produzzjoni Organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/464 tas-26 ta' Marzu 2020 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti meħtieġa għar-rikonoxximent retroattiv tal-perjodi għall-konverżjoni, il-produzzjoni ta' prodotti organiċi u l-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri (ĠU L 98, 31.3.2020, p. 2).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN